# Eżami Annwali ta' l-Iskejjel Primarji 2001
## Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| Il-Ħames Sena | MALTI (Qari) | Ħin: 15-il minuta |
|---|---|---|

**Isem :** ______________________ **Klassi:** __________

______________________________________________

## A. Immarka (X) taħt IVA jew LE

1. It-tabib jiġi jarana meta nkunu morda.
2. Il-mediċina nixtruha mingħand tal-ħaxix.
3. Fil-vaganzi mmur l-iskola.
4. It-tfal kollha jħobbu jilagħbu.
5. L-aħdar u l-kannella huma kuluri.
6. Ix-xemx tinżel filgħodu u titla' filgħaxija.

| | IVA | LE |
|---|---|---|
| 1. | | |
| 2. | | |
| 3. | | |
| 4. | | |
| 5. | | |
| 6. | | |

**(3 marki)**

## B. Qabbel kolonna A ma' kolonna B bin-numri

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | Ma stajniex ngħumu | | nilbes il-ġakketta. |
| 2. | Meta ġie z-ziju mill-Awstralja | | Alla jaf meta. |
| 3. | Fil-festa tar-raħal in-nies | | għax il-baħar kien imqalleb. |
| 4. | Awissu huwa wieħed | | morna nilqgħuh l-ajruport. |
| 5. | Meta jkun il-bard | | jixtru l-qubbajt. |
| 6. | Xemx u xita | | mix-xhur tas-Sajf. |

**(3 marki)**

## Ċ. Agħmel sing taħt il-kelma li ma taqbilx

1. skola, ġnien, sptar, knisja, dar.
2. tabib, avukat, għalliem, bidwi, ktieb.
3. karozza, ferrovija, ajruplan, siġġu, rota.
4. patata, lanġasa, ħawħa, tuffieħa, larinġa.
5. barmil, pala, ramel, kastell, arloġġ.
6. żarbun, ġakketta, qmis, basket, kalzetti.

**(3 marki)**

**D. Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba**

1. Jannar huwa l-ewwel (xahar, jum, staġun, ġimgħa) tas-sena.
2. (Il-mekkanik, It-tabib, Il-bidwi) isewwi il-karozzi.
3. Iz-ziju (isbaħ, sebbaħ, sebaħ, żebagħ) il-ħajt isfar.
4. Darba Ġaħan (ħalaq, ħolom, ħoloq, ħolm) b'ħafna flieles.
5. Ir-raġel qata' l-injam bis- (seraq, serrieq, serq, serp).
6. It-tfal bdew (jixxarrbu, jixxemmxu, jimxu, jixorbu) għax kellhom l-għatx.

**(3 marki)**

**E. Għaqqad il-kelma man-numri biex turi x'ngħidulhom**

| | |
|---|---|
| żarbun | qmis |
| fjuri | dar |
| xatba | siġra |




**(3 marki)**

# EŻAMI ANNWALI
# TA' L-ISKEJJEL PRIMARJI
# 2001

**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

| Il-ĦAMES SENA | MALTI (KITBA) | ĦIN: Siegħa |
|---|---|---|

ISEM ________________________

SKOLA ________________________

KLASSI ________________________

TOTAL TAL-MARKI ☐



## **A.** Aqra din l-istorja mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara:

L-IKLA TAD-DINOSAWRU

Jien ridt li naqbad naħla. Fl-aħħar irnexxieli. Ħadt in-naħla d-dar u bdiet iżżanżan. Ommi ppruvat tkeċċiha u n-naħla tatha x-xewka. *(Para. 1)*





Il-ġimgħa ta' wara ħadt serp żgħir ħafna. Ommi bdiet titriegħed kif rat is-serp. Jien ippruvajt naqbdu. Is-serp tani l-velenu. *(Para. 2)*

Għaddew ġimagħtejn u ħadt kelb tal-but. Il-kelb kellu għajnejh imburġati. Ommi m'għoġobhiex. Il-kelb qatta' s-sufan. *(Para. 3)*





Għaddew sentejn minn din l-istorja. Meta kont sejjer l-iskola rajt dinosawru. Irbattlu spaga ma' għonqu u ħadtu d-dar. Kif wasalna d-dar ħa banju fil-Jacuzzi. Wara d-dinosawru kielni mat-te'. *(Para. 4)*

**kitba ta' Tarċisio Zarb**

1. Ħożż sing taħt il-kelma t-tajba.
   a. Meta ħadt in-naħla d-dar din bdiet (tiekol, issaffar, iżżanżan, twerżaq).

   b. Il-kelb tal-but kellu għajnejh (blu, imburġati, ħodor, kannella).

**(2 marki)**

2. Immarka b' (X) fil-kaxxa fejn it-tweġiba t-tajba:
   a. Meta ommi ppruvat tkeċċi n-naħla din: *(Para. 1)*
      - i. taret minnufih. ☐
      - ii. ħarġet mit-tieqa. ☐
      - iii. tatha x-xewka. ☐

   b. Meta ommi rat is-serp: *(Para. 2)*
      - i. bdiet titriegħed. ☐
      - ii. bdiet twerżaq kemm tiflaħ. ☐
      - iii. iddeċidiet li ssajru. ☐

   ċ. Il-kelb tal-but ħadtu d-dar: *(Para. 3)*
      - i. xahar wara n-naħla. ☐
      - ii. ġimagħtejn wara. ☐
      - iii. mad-dinosawru. ☐

   d. Id-dinosawru ltqajt miegħu: *(Para. 4)*
      - i. ħdejn il-knisja. ☐
      - ii. fi triqti lejn l-iskola. ☐
      - iii. waqt li kont fuq il-bejt. ☐

**(4 marki)**

3. Wieġeb il-mistoqsijiet f'sentenzi sħaħ:
   a. In-naħla tat ix-xewka lil ommi. Għaliex? *(Para. 1)*

   ______________________________________________

   ______________________________________________

**(2 marki)**

   b. X'għamel is-serp meta ppruvajt naqbdu? *(Para. 2)*

   ______________________________________________

   ______________________________________________

**(2 marki)**

   ċ. Min qatta' s-sufan? *(Para. 3)*

   ______________________________________________

   ______________________________________________

**(2 marki)**

   d. X'irbatt ma' għonq id-dinosawru? *(Para. 4)*

   ______________________________________________

**(1 marka)**

e. Fejn ħadt lid-dinosawru?

______________________________________________

**(1 marka)**

f. Fejn ħa banju d-dinosawru? *(Para. 4)*

______________________________________________

**(1 marka)**

ġ. X'għamel wara d-dinosawru? *(Para. 4)*

______________________________________________

**(1 marka)**

4. Poġġi (X) fil-kaxxa t-tajba.

a. Jien ħadt naħla d-dar.
b. Jien ħadt serp id-dar.
ċ. Jien ħadt kelb id-dar.
d. Jien ħadt dinosawru d-dar

| Tista' tkun veru | Invenzjoni |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |

**(4 marki)**

e. Taħseb li din storja vera? Għaliex?

______________________________________________

**(1 marka)**

5. Mis-silta sib is-singular ta' dan il-kliem:

| | **Singular** | **Plural** |
|---|---|---|
| **a.** | | naħal *(Para. 1)* |
| **b.** | | klieb *(Para. 3)* |
| **ċ.** | | spag *(Para. 4)* |
| **d.** | | banjijiet *(Para. 4)* |

**(4 marki)**

## B. Imla l-vojt kif hemm mitlub fil-kolonna tal-ġenb:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Fis-Sajf morna ________ Għawdex. | *l-Għadd Imtenni ta' jum* |
| 2. | Il-__________ jagħlqu fis-sebgħa. | *il-Plural ta' ħanut* |
| 3. | Il-kuġini _________ u marru l-belt.. | *Ifforma verb minn ħ-r-ġ* |
| 4. | X'ħin kont qiegħed nilgħab żlaqt u weġġajt _____________. | *Agħti kelma waħda flok is-sieq tiegħi* |
| 5. | L-eżami kien __________ wisq. | *Agħti kelma oħra li tfisser diffiċli* |
| 6. | Il-Marsa rajt ________ li kienet tiġri ħafna. | *Agħti l-femminil ta' żiemel* |
| 7. | X'ħin ħriġna fil-bitħa ġrejna _________ kbira. | *Nissel nom mill-verb ġera* |
| 8. | Missieri huwa raġel ________ ħafna. | *Agħti l-kuntrarju ta' qasir* |
| 9. | Pawlu qal lil ________ li xtaq imur sa Kemmuna. | *Ikteb l-Istat Kostrutt ta' il-missier tiegħu* |
| 10. | Wara l-ewwel xita n-nies jieħdu ħsieb il-_____________. | *Agħti l-Plural ta' bejt* |

**(10 marki)**

## Ċ. Imla l-vojt bil-Perfett (Passat) tal-verb mogħti:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | It-tfal *ħarġu* l-kotba biex jaqraw. | ħareġ |
| 2. | Meta ħija weġġa' siequ t-tfal tal-klassi ________ għalih. | talab |
| 3. | Meta nqata' d-dawl aħna ________ norqdu kmieni. | tela' |
| 4. | Marija kienet inkwetata għax ________ il-kelb. | tilef |
| 5. | Il-bieraħ ________ ħafna xita u daħal ħafna ilma d-dar. | għamel |
| 6. | Intom x'ħin ________ l-belt ilbieraħ? | mar |

**(5 marki)**

## D. Daħħal il-kliem tal-kaxxa fil-vojt tas-sentenzi:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **mal-** | **bħal** | **għal** | **fil-** | **lill-** |

1. Peter xtara ballun kbir ________ ħuh.
2. Il-bajjad poġġa is-sellum _________ ħajt.
3. ________ marid trid tieħu ħsiebu.
4. X'ħin sar il-ħin biex immorru d-dar erfajna kollox _______ basket.
5. Marija xtrat żarbun eżatt ________ tiegħi.

**(5 marki)**

## E. Ikteb kliem flok numri:

1. Oħti ż-żgħira għalqet (7) ________ snin fis- (7) ________ ta' Ġunju.
2. Fil-klassi tagħna kien hemm (20) ___________ b'xagħarhom skur u (5) _________ b'xagħarhom ċar.
3. (30) __________ u (40) _________ jagħmlu (70) _________.
4. Ir-rota kienet tqum (100) ___________ lira.
5. Meta morna Ħaġar Qim ġew (19) __________ u t-(3) _________ l-oħra baqgħu l-iskola.

**(10 marki)**

## F. Aqleb fin-Negattiv:



1. Il-pappagall (tar) ma tarx minn siġra għal oħra.
2. Mark (mar) ____________ il-ħarġa tal-mużew.
3. Dan l-għasfur (ibejjet) ____________ fuq l-irdum.
4. (Imxejna) ____________ ħafna biex wasalna għand iz-ziju.
5. (Seta') ____________ jidħol ġewwa.

6. Jien u oħti (nimxu) ____________ mixja twila kuljum.

**(5 marki)**

## Ġ. Ikteb komponiment ta' mhux inqas minn 120 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti:

1. Fl-aħħar jum ta' l-iskola.
2. Li kieku nagħmel vjaġġ madwar id-dinja.
3. Djalogu bejn kowċ tal-futbol u plejer.
4. Ikteb ittra lill-ħabib/a tiegħek. Fl-ittra ikteb dwar il-ħtieġa li ngħinu lil min hu fil-bżonn.
5. Ikteb storja li tispiċċa ............... u t-tfal marru lura fil-klassi ferħanin li kollox kien spiċċa b'wiċċ il-ġid.

**(25 marka)**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________